vokabolarju. Ir-*riformisti* riedu li tinqata' darba għal dejjem il-għada taż-żewġt ilsna : jiġifieri tal-lsien mitkellem (volgari) u tal-lsien miktub (letterarju) li jissejjaħ *naħwi*. Dawn riedu li jkun hemm biss ilsien wieħed : il-lsien tal-poplu, fil-ħin li l-*konservatiri* ħaqquha bl-aħrax li l-għarbi għandu jibqa' dejjem maqsum f'żewġt ilsna, għalkemm ma jmirux li sehem kbir mill-ilsien miktub (jew mitkellem minn *dawk ta' l-iskola*—l-iżjed min-nies tar-reliġjon u minn dawk tal-liġi) huwa *lsien mejjet* għall-kotra bostana tal-poplu.

(*Jissokta*)

---

## PARIR

*Meta tislef ktieb waħħal biċċa karta bejn il-qoxra u l-frontispizju tal-ktieb u ikteb fuqha dawn il-versi biex tfakkar lil ħabibek x'inhu dmiru wara li jaqra l-ktieb li sliftu.*

### DIN TA' SIDEK L-GĦAJTA!

(Imnebbħa minn oħra bl-Ingliż)

**Mur, ja ktieb ċkejken mur; għal ħabib tiegħi**
**sellili u mb'għad, bħalma kont tagħmel miegħi,**
**għaddilu ż-żmien u faraġ tih fid-dwejjaq,**
**għax kultant b'ħobżok biss il-qalb titrejjaq.**
**U meta fl-aħħar ikun qara kliemek**
**sat-tmiem wil-ħarsa jwarrab minn quddiemek,**
**sefsiflu ġo widnejh li ġewwa daru**
**int mort iżżuru bħalma ġie li żaru**
**ħabib bħalek li raġa' mar f'dar sidu;**
**li għalkemm sidek telqek ftit minn idu,**
**issa l-ħin sar li fih bħal mewġ fix-xtajta**
**int tarġa' għal darek: din ta' sidek l-għajta!**

* * *

## KONKORS TA' POEŻIJI U NOVELLI "PRONOSTKU MALTI 1949"

Bħas-snin l-imgħoddija, din is-sena wkoll il-PRONOSTKU MALTI 1949 qed iniedi Konkors Pubbliku ta' Poeżiji u Novelli b'risq l-isvilupp tal-Letteratura Maltija.

Ikun hemm tliet premijiet għall-aħjar tliet poeżiji u tliet premijiet oħra għall-aħjar tliet novelli ta' £3, £2 u £1 rispettivament.

Il-kondizzjonijiet huma dawn:

1. Kulħadd, hu xinhu għomru jew għomorha, ikun jista' jieħu sehem fil-Konkors;

2. Is-suġġett ta' kull poeżija u novella huwa liberu, imma ma jridx ikun moralment jew reliġjożament maħmuġ;

3. Il-poeżiji u la jistgħu jkunu ta' inqas minn 14-il vers u lanqas ta' aktar minn sittin vers (60), waqt li kull novella m'għandux ikun fiha iżjed minn 1,2000 kelma;

4. L-ebda konkorrent ma jkollu dritt jibgħat aktar minn poeżija u jew novella waħda biss;

5. L-istess awtur, madankollu, ikun jista' jieħu żewġ premijiet—wieħed għal kull waħda miż-żewġ taqsimiet tal-Konkors;

6. Kull konkorrent jista' jibgħat xogħlu jew xogħlijietu sew b'ismu u kunjomu jew bi *psewdonimu*, skond kif jogħġbu hu, waqt li jagħlaq l-indirizz f'envelopp għalih.

7. Hadd ma jkollu d-dritt jarġa' jieħu għalih ix-xogħol li jkun bagħat, billi l-proprjetà letterarja ta' kull xogħol mibgħut taqa' minnufih f'idejn l-Edituri;

8. Kull xogħol li jintbagħat jeħtieġ ikun oriġinali, m'hu ippubblikat qatt u mkien, u ittajpjat.

9. Ix-xogħlijiet li ma jeħdux premju jistgħu jkunu ippubblikati wkoll, imma ebda ħlas ma jingħata lil sidhom;

10. Id-deċiżjoni ta' l-Edituri tkun finali u ħadd ma jkollu dritt imur kontriha;

11. Ikun hemm żewġ eżaminaturi: wieħed għan-novella u l-ieħor għall-vers;

12. Kull xogħol għandu jkun indirizzat lid-Ditta Giov. Muscat, 48, Triq Merkanti, Valletta, mhux iktar tard min-nofs in-nhar tas-Sibt, 21 ta' Awissu, 1948.